MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 207/2000/1

Avviz Nru:- 207/00DM

Camilmac Services Ltd

Vs

Sylvio Meli

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' tlett mija erbgha u erbghin lira u tmienja u tmenin centezmi (Lm344.88) rapprezentanti hsarat sofferti mill-attur f'kollizjoni li grat fl-10 ta' Dicembru 1999 meta sfat milqghuta l-vettura tas-socjeta attrici numru AAP 124 mill-vettura misjuqa mill-konvenut LAE 513, liema kollizjoni grat unikament htija tal-konvenut fi Triq Borg Olivier, Sliema.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-interess mid-data tal-prezentata tal-avviz, liema konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 Id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu regettati bl-ispejjes stante illi l-incident in kwistjoni ma garax b'ebda tort tal-konvenut izda gara tort unikament tas-sewwieq tal-vettura tas-socjeta attrici li baqa' jippressa meta messu rrealizza li ma setax jghaddi mid-djuq li kien hemm.
2 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Novembru 2002 fejn id-difensur tal-konvenut iddikjara illi l-kontestazzjoni tieghu tirrigwarda biss ir-responsabbilta izda mhux il-quantum tad-danni.

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawza tirrigwarda kollizjoni bejn karrozza tal-kumpanija attrici misjuqa minn Ivan Camilleri u van stazzjonarja li kienet taht il-kontroll u fil –pussess ta' Sylvio Meli.

Il-habta grat billi il-vettura misjuqa minn Ivan Camilleri filwaqt li kienet ghaddejja minn mal-gemb tal-van f'idejn Sylvio Meli, habtet mal-bieba tal-van ipparkjata bil-bieba taghha tan-naha tal-lemin ta' quddiem.

Jirrizulta illi l-van f'idejn Sylvio Meli kien ipparkeggjat fuq in-naha tal-lemin tal-vettura tal-atturi u kellha l-bieba ta'

wara miftuha u suppost iffissata mal-gemb tal-lemin taghha.

Filwaqt illi l-atturi jsosstnu illi din il-bieba ccaqalqet minn posta, u ghalhekk ostakolat il-karreggjata li kien qed juza Ivan Camilleri, l-konvenut isosstni illi l-habta kienet dovuta esklusivament ghal kalkolu hazin tal-istess Ivan Camilleri.

Il-provi diretti f'dan ir-rigward jikkonsistu fid-deposizzjonijiet ta' Sylvio Meli u Ivan Camilleri biss u ghalhekk il-Qorti jkollha tevalwa c-cirkostanzi kollha tal-kaz u tara x' indizji jista' jkun hemm favur verzjoni wahda jew l-ohra.

Ghalkemm fl-eccezzjonijiet tieghu, il-konvenut isosstni illi l-kawza diretta tal-habta kien kalkolu hazin ta' Ivan Camilleri billi ma kellux spazju bizzejjed minn fejn jghaddi, l-istess konvenut fid-deposizzjoni tieghu jsosstni illi l-kwistjoni tal-ispazju ma ghandu l-ebda rilevanza f'dan il-kaz peress li ezatt qabel ma wasal Ivan Camilleri kienet ghadiet xarabank tal-linja bejn il-van ipparkjata tieghu u n-naha l-ohra tat-triq.

Min-naha l-ohra, oltre dan l-indizju favur il-verzjoni ta' Ivan Camilleri tirrizulta cirkostanza ohra li taghti hafna iktar vero similjanza lill-verzjoni tal-atturi milli lill dik tal-konvenut u din tikkonsisti fil-fatt illi l-habta mal-vettura tal-atturi ma kienetx frontali ma quddiem taghha izda kienet fuq il-bieba ta' quddiem tan-naha tal-lemin u ghalhekk jirrizulta illi kienet lahqet ghaddiet il-parti ta' quddiem tal-vettura tal-atturi minn mal-bieba tal-van tal-konvenut minghajr ma kien hemm xi skontru.

Dana huwa indikattiv illi l-ostakolu ghal prosegwiment liberu tal-vettura tal-atturi gara wara illi din il-vettura kienet lahqet ghaddiet b'parti minnha minghajr kuntatt.

Ghalhekk il-Qorti ssib illi hija iktar attendibbli l-verzjoni tal-atturi illi l-kawza tal-incident kien l-ispostament tal-bieba tal-van tal-konvenut li ma kienetx iffissata kif suppost biex ma tikkreax ostakolu ghat-traffiku illi jkun ghaddej minn hdejn l-istess van u ghaldaqstant qeghda tirrespingi l-

eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa t-talba attrici u tiddikjara illi l-kollizzjoni in kwistjoni grat unikament htija tal-konvenut u ghaldaqstant il-konvenut ghandu jirrispondi ghad-danni konsegwenzjali ammontanti fis-somma ta' Lm344.88 (tlett mija u erba' u erbghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu) kif indikat fl-avviz.

Ghaldaqstant tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm344.88 (tlett mija u erba' u erbghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu) lill-kumpanija attrici bl-imghaxijiet b'effett mit-22 ta' Frar tas-sena 2000;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------